# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 28 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru 7**

**Avviz numru 150/01/SM**

**Vincent Cuschieri Limited**

**vs**

**Etienne Falzon**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u tlieta u tletin lira Maltin u seba u sebghajn centezmu (LM633.77,0), prezz ta' merci lilu mibjugha u kkonsenjati;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' April 2000 u bl-imghaxijiet legali mit-28 ta'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-22 ta' Marzu tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-**

**kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**